**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Marzu, 2017

Rikors numru : 16/17 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Lulju 2000 fil-Kappella ta' Lourdes annessa mal-Kunvent tal-Patrijiet Kapuccini, il-Furjana, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku fl-20 ta' Lulju 2000, certifikat numru 1232/2000, Dok. A hawn annessa u mil-liema zwieg ma twieldu l-ebda tfal ;

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ippublikat min-Nutar Dottor Patrick Critien datat 20 ta’ Dicembru 2012 hawnanness u mmarkat Dok. B.

Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal oltre erba` snin u ghalhekk huma intitolati biex japplikaw ghad-divorzju gja la darba ilhom separati ghal aktar minn 4 snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom.

Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull dritt ta’ manteniment.

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talbet, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b’dan il-hall taz-zwieg.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Frar, 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat, prezenti fl-awla, iwiegeb fuq domanda tal-Qorti li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Dicembru 2012;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.